SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla)

7 ta’ Settembru 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Dritt għall-informazzjoni fil-kuntest tal-proċeduri kriminali – Direttiva 2012/13/UE – Dritt ta’ aċċess għas-servizzi ta’ avukat fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali – Direttiva 2013/48/UE – Kamp ta’ applikazzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tkoprix il-kwalità ta’ persuna ssuspettata – Fażi preliminari tal-proċedura kriminali – Miżura koerċittiva ta’ tfittxija fiżika u ta’ qbid – Awtorizzazzjoni *a posteriori* mill-qorti kompetenti – Assenza ta’ stħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri ta’ kisba ta’ provi – Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża tal-persuni ssuspettati u tal-persuni akkużati waqt l-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri ta’ kisba ta’ provi”

Fil-Kawża C-209/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta’ Lukovit, il-Bulgarija), permezz ta’ deċiżjoni tat-18 ta’ Marzu 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta’ Marzu 2018, fil-proċeduri kriminali kontra

**AB,**

fil-preżenza ta’:

**Rayonna prokuratura Lovech, teritorialno otdelenie Lukovit,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla),

komposta minn M. C. Lycourgos (Relatur), President tal-Awla, L. S. Rossi, J.–C. Bonichot, S. Rodin u O. Spineanu–Matei, imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u R. Kissné Berta, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

– għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. K. Bulterman u J. Hoogveld, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Wasmeier u I. Zaloguin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2023,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1), tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU 2013, L 294, p. 1), tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") kif ukoll tal-prinċipju ta' legalità u ta' effettività.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra AB għaż-żamma ta' sustanzi illegali, skopruti fuq din il-persuna wara tfittxija fiżika, li tat lok għall-qbid ta' dawn is-sustanzi.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Direttiva 2012/13*

3 Il-premessi 14 u 36 tad-Direttiva 2012/13 jistipulaw:

"(14) Din id-Direttiva […] tistabbilixxi standards minimi komuni li għandhom jiġu applikati fil-qasam tal-informazzjoni dwar id-drittijiet u dwar l-akkuża li tingħata lil persuni suspettati jew akkużati li kkommettew reat, bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Id-Direttiva tibni fuq id-drittijiet stabbiliti fil-Karta, u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 47 u 48 tagħha, billi tibni fuq l-Artikoli 5 u 6 tal-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-'KEDB'),] kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. [F'] din id-Direttiva, it-terminu 'akkuża' (accusation) jintuża sabiex jiddeskrivi l-istess kunċett tat-terminu 'akkuża' (charge) użat fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB.

[…]

(36) Is-suspettati jew persuni akkużati jew l-avukat tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jikkontestaw, f'konformità mad-dritt nazzjonali, in-nuqqas jew ir-rifjut possibbli tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni jew jiżvelaw ċertu materjal tal-każ f'konformità ma' din id-Direttiva. Dak id-dritt ma jinvolvix l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu proċedura ta' appell speċifika, mekkaniżmu separat, jew proċedura ta' kwerela li permezz tagħhom dan in-nuqqas jew dan ir-rifjut jista' jiġi kkontestat."

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett", huwa fformulat kif ġej:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli rigward id-dritt għall-informazzjoni tas-suspettati jew tal-persuni akkużati, dwar id-drittijiet tagħhom fi proċeduri kriminali u dwar l-akkuża kontrihom. Hija tistabbilixxi wkoll regoli rigward id-dritt għall-informazzjoni ta' persuni soġġetti għal Mandat ta' Arrest Ewropew relatat mad-drittijiet tagħhom."

5 Taħt it-titolu "Kamp ta' Applikazzjoni", l-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"1. Din id-Direttiva tapplika minn meta l-persuni jiġu informati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu reat sa ma jiġu fi tmiemhom il-proċeduri, jiġifieri meta tintlaħaq deċiżjoni finali dwar jekk is-suspettat jew il-persuna akkużata tkunx wettqet ir-reat kriminali jew le, inkluż, fejn applikabbli, l-għoti tas-sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell."

6 L-Artikolu 3 tal-istess direttiva, intitolat "Id-dritt għal informazzjoni dwar id-drittijiet", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jingħataw fil-pront informazzjoni dwar tal-anqas id-drittijiet proċedurali li ġejjin, kif dawn japplikaw taħt il-liġi nazzjonali, sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv ta' dawk id-drittijiet:

a) id-dritt ta' aċċess għal avukat;

b) kwalunkwe dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kondizzjonijiet biex jinkiseb tali parir;

c) id-dritt li l-persuna tkun informata bl-akkuża, f'konformità mal-Artikolu 6;

d) id-dritt għal interpretar u traduzzjoni;

e) id-dritt li persuna tibqa' siekta.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni provduta taħt il-paragrafu 1 għandha tingħata bil-fomm jew bil-miktub, f'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli, b'kont meħud ta' kwalunkwe bżonnijiet partikolari ta' suspettati vulnerabbli jew ta' persuni akkużati vulnerabbli."

7 L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/13, intitolat "Verifika u Rimedji", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta tingħata informazzjoni lis-suspettati jew lill-persuni akkużati f'konformità mal-Artikoli 3 sa 6 dan jiġi rreġistrat, bl-użu tal-proċedura ta' reġistrazzjoni speċifikata fil-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suspettati jew il-persuni akkużati jew l-avukat tagħhom ikollhom id-dritt ta' kontestazzjoni, f'konformità mal-proċeduri fil-liġi nazzjonali,

rigward in-nuqqas jew iċ-ċaħda possibbli tal-awtoritajiet kompetenti li jipprovdu l-informazzjoni f'konformità ma' din id-Direttiva."

*Id-Direttiva 2013/48*

8 Il-premessi 12, 20 u 50 tad-Direttiva 2013/48 jistipulaw:

"(12) Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli minimi dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja fejn l-Istati Membri [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45)] [...] u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza maċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà. B'dan hija tippromwovi l-applikazzjoni tal-Karta, b'mod partikolari tal-Artikoli 4, 6, 7, 47 u 48 tagħha, billi tibni fuq l-Artikoli 3, 5, 6 u 8 tal-KEDB, kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li fil-ġurisprudenza tagħha, regolarment tistabbilixxi standards dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat. Din il-ġurisprudenza tipprevedi, fost l-oħrajn, li proċedimenti ġusti jeħtieġu li persuna suspettata jew akkużata tkun tista' tikseb il-firxa kollha ta' servizzi assoċjati speċifikament mal-assistenza legali. F'dak ir-rigward, l-avukati tal-persuni suspettati jew akkużati għandhom ikunu jistgħu jiżguraw mingħajr restrizzjoni l-aspetti fundamentali tad-difiża.

[...]

(20) Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, interrogazzjoni ma tinkludix interrogazzjoni preliminari mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi li l-għan tagħha jkun li tidentifika l-persuna konċernata, li tivverifika l-pussess ta' armi jew kwistjonijiet simili oħra ta' sikurezza jew li tiddetermina jekk għandhiex tinbeda investigazzjoni, pereżempju waqt li jsir kontroll fit-triq, jew matul kontrolli regolari għall-għarrieda meta persuna suspettata jew akkużata ma tkunx għadha ġiet identifikata.

[...]

(50) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-valutazzjoni ta' stqarrijiet magħmulin minn persuni suspettati jew akkużati jew tal-provi miksuba bi ksur tad-dritt tagħhom għal avukat jew f'każijiet fejn kienet awtorizzata deroga minn dak id-dritt f'konformità ma' din id-Direttiva, iridu jiġu rispettati d-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedimenti. F'dan il-kuntest, għandu jittieħed kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li stabbilixxiet li d-drittijiet tad-difiża ikunu, fil-prinċipju preġudikati b'mod irreparabbli meta jintużaw għal kundanna stqarrijiet inkriminanti matul interrogazzjoni mill-pulizija mingħajr aċċess għas-servizzi ta' avukat jintużaw biex xi ħadd jinsab ħati. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-użu ta' stqarrijiet għal finijiet oħra permessi bil-liġi nazzjonali, bħal ma hi l-ħtieġa għal eżekuzzjoni ta' atti investigattivi urġenti biex jiġi evitat it-twettiq ta' reati oħra jew konsegwenzi negattivi serji għal kwalunkwe persuna jew b'rabta ma' ħtieġa urġenti li jiġi evitat li l-proċedimenti kriminalijiġu pperikolati b'mod sostanzjali fejn l-aċċess għas-servizzi ta' avukat jew id-dewmien fl-investigazzjoni jippreġudikaw b'mod irrimedjabbli l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin fir-rigward ta' reat kriminali gravi. Barra minn hekk, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli jew is-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' provi, u ma għandux jimpedixxi lill-Istati Membri milli

jżommu sistema li permezz tagħha l-provi eżistenti kollha jistgħu jinġiebu quddiem qorti jew imħallef, mingħajr ma jkun hemm valutazzjoni separata jew minn qabel dwar l-ammissibbiltà ta' dawk il-provi".

9 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett", jipprevedi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-drittijiet tal-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali u tal-persuni soġġetti għal proċedimenti skont id-Deċiżjoni Kwadru [2002/584] [...] li jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat, id-dritt li tiġi infurmata parti terza biċ-ċaħda tal-libertà, u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari matul iċ-ċaħda tal-libertà."

10 Taħt it-titolu "Kamp ta' applikazzjoni", l-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Din id-Direttiva tapplika għal persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali mill-mument meta dawn jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali, u irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà. Din tapplika sal-konklużjoni tal-proċedimenti, li huwa mifhum li tfisser id-determinazzjoni finali tal-kwistjoni jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx wettqet ir-reat, inkuż fejn applikabbli, l-għoti ta' sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell."

11 L-Artikolu 3 tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.

2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:

(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;

(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;

(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;

(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.

3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:

(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;

(b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. [...]

(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:
(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;
(ii) konfrontazzjonijiet;
(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.

[...]

6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il-kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:

[...]

(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali."

12 Taħt it-titolu "Rimedji", l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48 jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, kif ukoll persuni rikjesti fi proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew ikollhom rimedju effettiv skont il-liġi nazzjonali f'każ fejn ikun hemm ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli u s-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' provi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi proċedimenti kriminali, fil-valutazzjoni ta' stqarrijiet magħmulin minn persuni suspettati jew akkużati jew ta' provi miksuba permezz ta' ksur tad-dritt tagħhom għal avukat jew f'każijiet fejn tkun ġiet awtorizzata deroga għal dan id-dritt f'konformità mal-Artikolu 3(6), id-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedimenti jiġu rispettati."

### *Id-Dritt Bulgaru*

13 Konformement mal-Artikolu 54 tan-Nakazatelno protsesualen kodeks (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, DV Nru 86 tat-28 ta' Ottubru 2005), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ta' Proċedura Kriminali"), il-persuna akkużata hija l-persuna li, f'din il-kwalità, hija s-suġġett ta' proċeduri kriminali fil-kundizzjonijiet u skont il-modalitajiet previsti minn dan il-kodiċi.

14 Taħt it-titolu "Drittijiet tal-persuna akkużata", l-Artikolu 55 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprevedi:

"(1) Il-persuna akkużata tgawdi d-drittijiet li ġejjin: li ssir taf liema ksur qed jiġi allegat fil-konfront tagħha u abbażi ta' liema prova; li tipprovdi jew tirrifjuta li tipprovdi spjegazzjonijiet dwar l-akkuża; li tieħu konjizzjoni tal-fajl, inkluża l-informazzjoni miksuba b'mezzi speċjali ta' investigazzjoni, u li tikseb l-estratti neċessarji; li tipproduċi provi; li tipparteċipa fil-proċeduri kriminali; li tagħmel talbiet, kummenti u oġġezzjonijiet; li tesprimi ruħha fl-aħħar; li tippreżenta rikors kontra l-atti li jiksru d-drittijiet tagħha u l-interessi leġittimi tagħha; u li jkollha avukat. Il-persuna akkużata għandha d-dritt li l-avukat tagħha jipparteċipa fl-eżekuzzjoni tal-atti fil-kuntest tal-investigazzjoni u tal-atti proċedurali l-oħra li hija tipparteċipa fihom, ħlief jekk tirrinunzja espressament għal dan id-dritt. […]

(2) Il-persuna akkużata għandha d-dritt li tirċievi informazzjoni ġenerali li tiffaċilita l-għażla tal-avukat tagħha. Hija għandha d-dritt li tikkomunika liberament mal-avukat tagħha, li tiltaqa' miegħu fil-privat, li tirċievi pariri u kull għajnuna legali oħra, inkluż qabel il-bidu u matul l-iżvolġiment tal-interrogazzjoni, u fil-kuntest tal-atti proċedurali l-oħra kollha li fihom tipparteċipa l-persuna akkużata.

[…]"

15 L-Artikolu 164 ta' dan il-kodiċi, intitolat "Tfittxija", jipprovdi:

"(1) It-tfittxija ta' persuna fil-kuntest ta' proċedura preliminari, mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' mħallef tal-qorti tal-ewwel istanza kompetenti jew tal-qorti tal-ewwel istanza li fil-ġurisdizzjoni tagħha jitwettaq l-att, hija awtorizzata:

1. fil-każ ta' ċaħda tal-libertà;

2. meta jeżistu raġunijiet suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li l-persuni preżenti waqt il-perkwiżizzjoni ħbew oġġetti jew dokumenti rilevanti għall-kawża.

(2) It-tfittxija ssir minn persuna tal-istess sess, fil-preżenza ta' persuni meħtieġa sabiex jassistu għall-proċedura li huma tal-istess sess.

(3) Il-proċess verbal tal-att ta' investigazzjoni mwettaq għandu jiġi ppreżentat lill-qorti għall-approvazzjoni, mingħajr dewmien u mhux iktar tard minn 24 siegħa."

16 Taħt it-titolu "Proċedura preliminari", l-Artikolu 212 tal-imsemmi kodiċi jipprevedi:

"(1) Il-proċedura preliminari tinfetaħ permezz ta' ordni tal-prosekutur pubbliku.

(2) Il-proċedura preliminari għandha titqies li nfetħet bi stabbiliment ta' proċess verbal tal-ewwel att tal-investigazzjoni, meta titwettaq spezzjoni li tinkludi konstatazzjoni, perkwiżizzjoni, qbid jew interrogazzjoni tax-xhieda, meta t-twettiq immedjat ta' dawn l-atti jkun jikkostitwixxi l-unika possibbiltà li jinġabru u jinżammu provi, kif ukoll meta ssir tfittxija skont il-modalitajiet tal-Artikolu 164.

(3) L-awtorità investigattiva li tkun wettqet att imsemmi fil-paragrafu 2 għandha tinforma b'dan lill-prosekutur pubbliku mingħajr dewmien u mhux iktar tard minn 24 siegħa."

17 L-Artikolu 219 tal-istess kodiċi, intitolat "Imputazzjoni – Akkuża u Preżentazzjoni tad-Digriet", jipprovdi:

"(1) Meta jkunu nġabru biżżejjed provi tal-ħtija ta' persuna minħabba li tkun wettqet reat ta' dritt komuni u meta ma jkun hemm l-ebda raġuni għall-għeluq tal-proċeduri kriminali, l-awtorità investigattiva għandha tirrapporta lill-prosekutur u għandha timputa (jew takkuża) lill-persuna billi tadotta ordni għal dan il-għan.

(2) L-awtorità investigattiva tista' wkoll timputa (jew takkuża) lill-persuna billi tħejji proċess verbal tal-ewwel att ta' investigazzjoni mwettaq kontriha; hija għandha tirrapportaha lill-prosekutur pubbliku.

(3) L-ordni ta' imputazzjoni (jew ta' akkuża) u l-proċess verbal imsemmi fil-paragrafu 2 għandhom jindikaw:

1. id-data u l-post tal-ħruġ tagħhom;

2. l-awtorità emittenti;

3. l-isem sħiħ tal-persuna imputata, ir-reat li hija akkużata bih kif ukoll il-klassifikazzjoni ġuridika tiegħu;

4. il-provi li fuqhom hija bbażata l-imputazzjoni, sa fejn din l-indikazzjoni ma tipperikolax li tostakola l-investigazzjoni;

5. il-miżura li tirrestrinġi l-libertà, jekk tiġi imposta;

6. id-drittijiet tal-persuna akkużata li jirriżultaw mill-Artikolu 55 inkluż id-dritt tagħha li tirrifjuta li tagħti spjegazzjonijiet, kif ukoll id-dritt tagħha li tiddisponi minn avukat imqabbad jew kommess.

[…]

(8) Sakemm ma tkunx issodisfat l-obbligi tagħha msemmija fil-paragrafi 1 sa 7, l-awtorità investigattiva ma tistax twettaq atti ta' investigazzjoni li jinvolvu l-parteċipazzjoni tal-persuna akkużata."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

18 Fit-8 ta' Frar 2022, tliet spetturi tal-pulizija mir-Rayonno upravlenye Lukovit (l-għassa tal-pulizija tad-distrett ta' Lukovit, il-Bulgarija) waqqfu u ċċekkjaw vettura misjuqa minn IJ li fiha kienu preżenti wkoll AB u KL.

19 Qabel ma s-sewwieq tal-vettura kien ittestjat għad-drogi narkotiċi, AB u KL iddikjaraw quddiem l-ispetturi tal-pulizija li kellhom sustanza narkotika fil-pussess tagħhom. Din l-informazzjoni ngħatat oralment lill-investigatur tal-għassa quddiem l-għassa tad-distrett ta' Lukovit, li rreġistra dawn id-dikjarazzjonijiet fi proċess verbali, bħala twissija orali ta' reat kriminali.

20 Peress li t-test tal-iskrining tas-sewwieq kellu riżultat pożittiv, wieħed mill-ispetturi tal-pulizija wettaq spezzjoni tal-vettura.

21 Barra minn hekk, AB kien is-suġġett ta' tfittxija fiżika mill-investigatur tal-għassa, li stabbilixxa proċess verbali "ta' tfittxija u qbid imwettaq b'urġenza u suġġetti għal approvazzjoni *a posteriori* mill-qorti". Il-fatt li din it-tfittxija saret mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel ta' qorti ġie motivat, f'dan il-proċess verbali, mill-eżistenza "ta' indizji suffiċjenti ta' pussess ta' oġġetti pprojbiti mil-liġi, imsemmija fi proċess verbali dwar it-twissija orali ta' reat kriminali".

22 Waqt din it-tfittxija nstabet sustanza narkotika fuq AB. L-investigatur tal-għassa għalhekk informa, dakinhar stess, lill-prosekutur pubbliku tar-Rayonna prokuratura Lovech, teritorialno otdelenie Lukovit (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lovech, fergħa territorjali ta' Lukovit, il-Bulgarija) bir-riżultati ta' din it-tfittxija u li din kienet saret fil-kuntest ta' "proċedura preliminari", fis-sens tal-Artikolu 212 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, mibdija mill-għassa tad-distrett ta' Lukovit.

23 Dejjem fil-kuntest ta' dik il-proċedura preliminari, iżda wara t-twettiq tat-tfittxija, matul smigħ fl-għassa tal-pulizija, ġew mitluba spjegazzjonijiet bil-miktub mingħand AB. Dan indika li s-sustanzi misjuba fuqu kienu drogi narkotiċi intiżi għall-konsum personali tiegħu.

24 Fid-9 ta' Frar 2022, il-prosekutur pubbliku tar-Rayonna prokuratura Lovech, teritorialno otdelenie Lukovit (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lovech, fergħa territorjali ta' Lukovit), abbażi tal-Artikolu 164(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, indirizza lir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit, il-Bulgarija), il-qorti tar-rinviju, b'talba għall-approvazzjoni tal-proċess verbali tat-tfittxija fiżika li AB kien is-suġġett tagħha u tal-qbid li segwa wara dan. It-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda din it-talba għall-approvazzjoni *a posteriori* ta' din it-tfittxija u ta' dan il-qbid.

25 Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kwistjoni jekk l-istħarriġ ġudizzjarju previst mid-dritt nazzjonali dwar il-miżuri koerċittivi ta' amministrazzjoni tal-prova matul il-fażi preliminari tal-proċeduri kriminali jikkostitwixxix garanzija suffiċjenti tar-rispett tad-drittijiet tal-persuni ssuspettati u tal-persuni akkużati, kif previst mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48.

26 B'mod partikolari, qabelxejn, dik il-qorti tindika li d-dritt nazzjonali ma jinkludix regoli ċari dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-mezzi vinkolanti ta' ġbir ta' provi fil-kuntest tal-proċedura preliminari u li, skont il-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali, l-istħarriġ tal-perkwiżizzjoni, tat-tfittxija fiżika u tal-qbid jirrigwarda l-legalità formali tagħhom. F'dan ir-rigward, hija tfakkar li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkundannat lir-Repubblika tal-Bulgarija diversi drabi għal ksur tal-Artikoli 3 u 8 tal-KEDB.

27 Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li d-dritt Bulgaru ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' "persuna ssuspettata", imsemmi minn dawn id-direttivi, iżda biss dak ta' "persuna akkużata". Din il-klassifikazzjoni tal-aħħar tkun teħtieġ deċiżjoni tal-prosekutur pubbliku jew tal-awtorità ta' investigazzjoni. Madankollu hemm prassi stabbilita sew tal-pulizija u tal-ministeru pubbliku li tikkonsisti f'li jiġi ttardjat il-mument li minnu l-persuna kkonċernata titqies bħala "persuna akkużata", li, fil-fatti, ikollu bħala konsegwenza li jiġu evitati l-obbligi dwar ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża ta' din il-persuna.

28 Fl-aħħar, kemm mid-duttrina kif ukoll mill-ġurisprudenza nazzjonali, jirriżulta li l-qorti kompetenti, anki meta tkun konvinta li d-drittijiet tad-difiża tal-persuna kkonċernata ma ġewx irrispettati, ma tistax tistħarreġ l-imputazzjoni jew l-akkuża tagħha għaliex dan ikun jippreġudika l-prerogattiva kostituzzjonali tal-prosekutur pubbliku li jibda proċeduri kriminali. F'tali każ, il-qorti li tistħarreġ il-miżuri restrittivi meħuda fil-kuntest tal-proċedura preliminari tista' biss taċċetta l-att ta' investigazzjoni, peress li dan ikun twettaq f'kundizzjonijiet ta' urġenza, anki jekk dan jimplika ksur tad-drittijiet tad-difiża.

29 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li, anki jekk id-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' "persuna suspettata", l-Artikolu 219(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jista', bħala prinċipju, jiggarantixxi d-drittijiet tad-difiża ta' persuni li fir-rigward tagħhom ma jeżistux provi suffiċjenti tal-ħtija tagħhom, iżda li, minħabba l-ħtieġa li jitwettqu atti ta' investigazzjoni bil-parteċipazzjoni tagħhom, jingħataw l-istatus ta' "persuni akkużati" u għalhekk ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 55 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48.

30 Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, din id-dispożizzjoni proċedurali ma hijiex ċara. Barra minn hekk hija tiġi applikata b'mod ambigwu u kontraddittorju, jew saħansitra ma tiġix applikata. Issa, skont il-qorti tar-rinviju, ma hemm l-ebda dubju li, f'dan il-każ, AB għandu l-kwalità ta' persuna "akkużata b'reat kriminali" fis-sens tal-KEDB, kif interpretata mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, indipendentement mill-klassifikazzjoni ġuridika tas-sitwazzjoni tiegħu konformement mad-dritt nazzjonali. Madankollu, skont dak id-dritt, persuna tista' tibbenefika mid-drittijiet tad-difiża tagħha biss jekk tkun kisbet l-istatus ta' "persuna akkużata", li jkun jiddependi mir-rieda tal-awtorità li tmexxi l-investigazzjoni taħt is-sorveljanza tal-prosekutur pubbliku.

31 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis li l-fatt li ma tiġix ipprovduta informazzjoni u li ma jingħatax l-aċċess għal avukat fi stadju bikri tal-proċedura kriminali jikkostitwixxi difett proċedurali irrimedjabbli, li jista' jivvizzja n-natura ġusta u ewka tal-proċeduri kriminali ulterjuri kollha.

32 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Rayonen sad Lukovit (il-Qorti Distrettwali ta' Lukovit) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-*fatti* li fihom, waqt l-investigazzjoni dwar ksur marbut mal-pussess ta' narkotiċi, miżuri ta' koerċizzjoni jkunu ttieħdu fil-forma ta' tfittxija fuq il-persuna u sekwestru kontra persuna fiżika li l-pulizija tissuspetta li hija fil-pussess ta' narkotiċi, *jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni* tad-[Direttivi 2013/48 u 2012/13]?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, x'inhuwa l-istatus ta' tali persuna fis-sens [ta' dawn id-]Direttivi, meta d-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix il-kunċett legali ta' 'persuna ssuspettata' u meta l-persuna ma tkunx tqiegħdet taħt l-istatus ta' 'persuna akkużata' permezz ta' notifika uffiċjali, u tali persuna għandha tingħata d-dritt li tiġi informata u li tirċievi informazzjoni kif ukoll li jkollha aċċess għal avukat?

3) Il-prinċipju ta' legalità u l-projbizzjoni tal-arbitrarjetà jawtorizzaw leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma huwa l-Artikolu 219(2) [tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali], li jipprevedi li l-awtorità inkarigata bl-investigazzjoni tista' wkoll tqiegħed lill-persuna taħt l-istatus ta' persuna akkużata permezz tar-redazzjoni ta' minuti tal-ewwel att ta' investigazzjoni dirett kontriha,

meta d-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix il-kunċett legali ta' 'persuna ssuspettata' u meta d-drittijiet tad-difiża jqumu, skont id-dritt nazzjonali, biss mill-mument li fih il-persuna kkonċernata titqiegħed taħt l-istatus ta' 'persuna akkużata', li min-naħa tagħha titħalla fid-diskrezzjoni tal-awtorità inkarigata bl-investigazzjoni, u tali proċedura nazzjonali tippreġudika l-eżerċizzju effettiv u l-essenza nfisha tad-dritt ta' aċċess għal avukat imsemmi fl-Artikolu 3(3)(b) tad-Direttiva 2013/48?

4) Il-prinċipju ta' effett utli tad-dritt tal-Unjoni jawtorizza prattika nazzjonali fejn l-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri ta' koerċizzjoni meħuda għall-finijiet tal-ġbir tal-provi, inklużi t-tfittxija fuq il-persuna u s-sekwestru matul l-investigazzjoni preliminari, ma jippermettix li jiġi vverifikat jekk twettaqx ksur suffiċjentement serju tad-drittijiet fundamentali tal-persuni ssuspettati u tal-persuni akkużati, iggarantiti permezz tal-Artikoli 47 u 48 tal-[Karta], id-Direttiva 2013/48 u d-Direttiva 2012/13?

5) Il-prinċipju ta' Stat tad-dritt jawtorizza dispożizzjonijiet u ġurisprudenza nazzjonali skont liema l-qorti ma hijiex awtorizzata tistħarreġ it-tqegħid ta' persuna taħt l-istatus ta' persuna akkużata, meta huwa preċiżament u esklużivament minn dan l-att formali li jiddependi l-għoti jew le tad-drittijiet tad-difiża lil persuna fiżika meta din tkun is-suġġett ta' miżuri ta' koerċizzjoni għall-finijiet tal-investigazzjoni?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

33 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2013/48 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn id-direttivi japplikaw għal sitwazzjoni li fiha persuna, li fil-konfront tagħha teżisti informazzjoni skont liema hija fil-pussess ta' sustanzi illegali, hija s-suġġett ta' tfittxija fiżika kif ukoll ta' qbid ta' dawn is-sustanzi, filwaqt li d-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' "persuna ssuspettata", imsemmi f'dawn id-direttivi, u li l-imsemmija persuna ma ġietx infurmata uffiċjalment li hija għandha l-kwalità ta' "persuna akkużata".

34 Id-Direttivi 2012/13 u 2013/48 għandhom bħala għan komuni li jiddefinixxu r-regoli minimi li jikkonċernaw ċerti drittijiet ta' persuni ssuspettati u ta' persuni akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali. Id-Direttiva 2012/13 tkopri, b'mod iżjed partikolari, id-dritt li wieħed ikun informat dwar id-drittijiet tiegħu u d-Direttiva 2013/48 tagħmel riferiment għad-dritt ta' aċċess għal avukat, għad-dritt li terz jiġi informat dwar iċ-ċaħda tal-libertà, kif ukoll għad-dritt tal-persuni mċaħħda mil-libertà li jikkomunikaw ma' terzi u għad-dritt li jikkomunikaw mal-awtoritajiet konsulari. Barra minn hekk, mill-premessi ta' dawn id-direttivi jsegwi li dawn huma msejsa, għal dan l-għan, fuq id-drittijiet stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta u huma intiżi li jippromwovu dawn id-drittijiet fil-konfront tal-persuni ssuspettati jew tal-persuni akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom, C-467/18, EU:C:2019:765, punti 36 u 37).

35 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2012/13, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li mill-Artikolu 1 tagħha u mill-Artikolu 2(1) tagħha jirriżulta li din id-direttiva tillimita ruħha li tiddefinixxi r-regoli dwar id-dritt tal-persuni ssuspettati jew tal-persuni akkużati li jiġu informati bid-drittijiet tagħhom fil-kuntest tal-proċeduri kriminali u bl-akkuża miġjuba kontrihom

mill-mument meta persuna tiġi informata mill-awtoritajiet kompetenti li hija ssuspettata li wettqet reat jew li hija akkużata b'dan (digriet tas-6 ta' Settembru 2022, Delgaz Grid, C-95/22, EU:C:2022:697, punt 25).

36 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2013/48, l-Artikolu 2(1) tagħha jipprevedi li din id-direttiva tapplika għall-persuni ssuspettati jew akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mill-mument meta dawn jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma ssuspettati jew akkużati li wettqu reat kriminali, irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà jew le.

37 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2013/48, b'mod partikolari l-kliem "jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor", jindika li, għall-finijiet tal-applikabbiltà ta' din id-direttiva, informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru tal-persuna kkonċernata hija biżżejjed, u dan ikun xi jkun il-mod tagħha, u l-metodu li permezz tiegħu tali informazzjoni tasal għand din il-persuna huwa rrilevanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2020, VW (Dritt ta' aċċess għal avukat fil-każ ta' nuqqas ta' dehra), C-659/18, EU:C:2020:201, punti 25 u 26).

38 Peress li l-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48 huma ddefiniti f'termini kważi identiċi fl-Artikolu 2 ta' kull waħda minnhom, għandu jitqies li, bħala prinċipju, dawn jikkoinċidu. Din il-konstatazzjoni taqbel mal-għan komuni għaż-żewġ direttivi li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni ssuspettati jew akkużati fil-kuntest ta' proċedura kriminali. Minn dan isegwi, bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 38 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-preċiżazzjoni addizzjonali li tinsab fl-Artikolu 2 tad-direttiva l-iżjed reċenti minn dawn it-tnejn, jiġifieri d-Direttiva 2013/48, skont liema l-informazzjoni tista' tintbagħat "b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor" għandha titqies bħala applikabbli għad-Direttiva 2012/13.

39 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet isegwi, l-ewwel, li żewġ elementi huma meħtieġa sabiex sitwazzjoni tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-direttivi. Għalhekk huwa neċessarju, minn naħa, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom suspetti li l-persuna kkonċernata wettqet reat kriminali jew li tkun akkużata f'dan ir-rigward, u, min-naħa l-oħra, li informazzjoni f'dan ir-rigward tkun ġiet ipprovduta lilha minn dawn l-awtoritajiet permezz ta' notifika uffiċjali jew b'mezz ieħor.

40 Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48, huwa importanti għalhekk li l-imsemmija awtoritajiet jiżguraw li l-persuna kkonċernata kellha għarfien tal-fatt li hija ssuspettata li wettqet reat kriminali jew li hija akkużata f'dan ir-rigward.

41 It-tieni, għandu jiġi rrilevat li, sabiex jiġi żgurat l-iżvolġiment tajjeb ta' investigazzjoni kriminali, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandu jkollhom ċerta marġni ta' diskrezzjoni sabiex jagħżlu l-mument li fih huma jinfurmaw lill-persuna kkonċernata li hija ssuspettata li wettqet reat kriminali jew li hija akkużata f'dan ir-rigward, bil-kundizzjoni, madankollu, li ma jkunx hemm dewmien eċċessiv fil-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni, li jkun jipprekludi lill-persuna kkonċernata milli teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha b'mod effettiv, li d-Direttivi 2012/13 u 2013/48 huma intiżi li jipproteġu.

42 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tindika li l-għan tal-proċedura fil-kawża prinċipali jikkonċerna talba tal-prosekutur pubbliku tar-Rayonna prokuratura Lovech, teritorialno otdelenie Lukovit (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Lovech, fergħa territorjali ta' Lukovit) intiża sabiex jiġu

approvati, *a posteriori*, tfittxija fuq AB u qbid tas-sustanzi illeċiti skoperti matul din it-tfittxija. Din tal-aħħar ġiet ordnata u mwettqa wara l-ammissjoni, minn din il-persuna, quddiem membri tal-Pulizija, li hija kienet fil-pussess ta' tali sustanzi.

43 Meta persuna, bħal AB, tagħmel dan it-tip ta' ammissjoni quddiem membri tal-Pulizija, hija tesponi ruħha sabiex titqies bħala persuna ssuspettata li wettqet reat kriminali. Meta, billi jisiltu l-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni, dawn l-aġenti jagħmlu t-tfittxija fiżika tal-persuna kkonċernata u l-qbid ta' dak li hija ddikjarat li għandha fuqha, dawn l-atti, minn naħa, jistabbilixxu li din il-persuna hija issa ssuspettata minn awtorità kompetenti u, min-naħa l-oħra, jinfurmaw impliċitament iżda neċessarjament lill-imsemmija persuna b'dan is-suspett. F'tali ċirkustanzi, iż-żewġ kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48 jidhru ssodisfatti.

44 F'dan ir-rigward, jidhru mingħajr rilevanza, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawn id-direttivi, minn naħa, il-fatt li d-dritt tal-Istat Membru kkonċernat ma jipprevedix li persuna jista' jkollha l-kwalità ta' "persuna ssuspettata" u, min-naħa l-oħra, il-fatt li AB ma ġiex uffiċjalment infurmat li huwa għandu l-kwalità ta' "persuna akkużata". Fil-fatt, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48 għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha u għalhekk ma jistax jiddependi mit-tifsiriet varji li d-drittijiet ta' dawn l-Istati Membri jagħtu għall-kunċetti ta' "persuna ssuspettata" u ta' "persuna akkużata" u lanqas mill-kundizzjonijiet li fihom jinkisbu dawn il-kwalitajiet skont dawn id-drittijiet.

45 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2013/48 għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn id-direttivi japplikaw għal sitwazzjoni li fiha persuna, li fil-konfront tagħha teżisti informazzjoni li hija qiegħda fil-pussess ta' sustanzi illeċiti, tkun is-suġġett ta' tfittxija fiżika kif ukoll ta' qbid ta' dawn is-sustanzi. Il-fatt li d-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' "persuna ssuspettata" u li l-imsemmija persuna ma ġietx uffiċjalment infurmata li għandha l-kwalità ta' "persuna akkużata" ma għandux effett f'dan ir-rigward.

### *Fuq ir-raba' domanda*

46 Permezz tar-raba' domanda tagħha, li għandha tiġi ttrattata qabel it-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu ġurisprudenza nazzjonali skont liema l-qorti adita, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, b'talba għall-awtorizzazzjoni *a posteriori* ta' tfittxija fiżika u tal-qbid ta' sustanzi illeċiti li segwitha, eżegwiti fil-kuntest tal-fażi preliminari ta' proċedura kriminali, ma għandhiex kompetenza sabiex teżamina jekk id-drittijiet tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata, iggarantiti minn dawn id-direttivi, ġewx osservati f'din l-okkażjoni.

47 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, għalkemm, konformement mal-Artikolu 164(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, it-tfittxija fiżika mwettqa fil-kuntest tal-fażi preliminari tal-proċedura kriminali, għandha tiġi suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju *a posteriori*, dan l-istħarriġ jirrigwarda biss, skont il-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti, ir-rekwiżiti formali li minnhom tiddependi l-legalità ta' din il-miżura u tal-qbid li jirriżulta minnha, u ma jippermettix lill-qorti kompetenti teżamina r-rispett tad-drittijiet iggarantiti mid-Direttivi 2013/48 u 2012/13.

48 Għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati, jew l-avukat tagħhom, ikollhom id-dritt li jikkontestaw, konformement mal-proċeduri nazzjonali, l-eventwali fatt li l-awtoritajiet kompetenti ma jipprovdux jew jirrifjutaw li jipprovdu informazzjoni konformement ma' din id-direttiva.

49 Fid-dawl tal-importanza tad-dritt għal rimedju effettiv, protett mill-Artikolu 47 tal-Karta, u tat-test ċar, inkundizzjonat u preċiż tal-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13, din id-dispożizzjoni tal-aħħar tipprekludi kull miżura nazzjonali li tostakola l-eżerċizzju ta' rimedji effettivi f'każ ta' ksur tad-drittijiet protetti minn din id-direttiva (sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom, C-467/18, EU:C:2019:765, punt 57).

50 L-istess interpretazzjoni hija meħtieġa fir-rigward tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48, skont liema "l-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali […] ikollhom rimedju effettiv skont il-liġi nazzjonali f'każ fejn ikun hemm ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva" (sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom, C-467/18, EU:C:2019:765, punt 58).

51 Minn dan isegwi li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48 jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw ir-rispett tad-dritt għal smigħ xieraq u tad-drittijiet tad-difiża, stabbiliti fl-Artikolu 47 u fl-Artikolu 48(2) tal-Karta, rispettivament, billi jipprevedu rimedju ġudizzjarju effettiv li jippermetti lil kull persuna ssuspettata jew lil kull persuna akkużata li jadixxu qorti inkarigata sabiex teżamina jekk id-drittijiet li hija tislet minn dawn id-direttivi ġewx miksura.

52 Dan ingħad, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48 jipprovdu li d-dritt li jiġi kkonstatat il-ksur eventwali ta' dawn id-drittijiet jingħata, rispettivament, konformement mal-"proċeduri nazzjonali" u "l-liġi nazzjonali". Għaldaqstant, dawn id-dispożizzjonijiet la jiddeterminaw il-modalitajiet li skonthom għandu jkun jista' jiġi allegat il-ksur tal-imsemmija drittijiet, u lanqas il-mument, matul il-proċeduri kriminali, li fih dan jista' jsir, u għalhekk iħallu lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddeterminaw il-proċeduri speċifiċi li jkunu applikabbli f'dan ir-rigward.

53 L-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jirrikonoxxi tali marġni ta' diskrezzjoni hija kkonfermata mill-premessi tad-Direttivi 2012/13 u 2013/48. Fil-fatt, minn naħa, skont il-premessa 36 tad-Direttiva 2012/13, id-dritt li jiġi kkonstatat il-fatt li l-awtoritajiet kompetenti ma jipprovdux jew jirrifjutaw li jipprovdu informazzjoni jew li jiżvelaw ċerti dokumenti tal-kawża konformement ma' din id-direttiva "ma jinvolvix l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu proċedura ta' appell speċifika, mekkaniżmu separat, jew proċedura ta' kwerela li permezz tagħhom dan in-nuqqas jew dan ir-rifjut jista' jiġi kkontestat". Min-naħa l-oħra, il-premessa 50 tad-Direttiva 2013/48 tindika, essenzjalment, li l-obbligu, għall-Istati Membri, li jiżguraw li d-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedura jiġu rrispettati huwa mingħajr ħsara għall-mezzi jew għas-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà tal-provi u ma għandux jipprekludi lill-Istati Membri milli jżommu sistema li permezz tagħha l-provi eżistenti kollha jistgħu jinġiebu quddiem qorti "mingħajr ma jkun hemm valutazzjoni separata jew minn qabel dwar l-ammissibbiltà ta' dawk il-provi".

54 Barra minn hekk, l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta ma jipprekludux li l-Istati Membri ma jkunux, għalhekk, obbligati li joħolqu rimedji awtonomi li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jkunu jistgħu jippreżentaw sabiex jiddefendu d-drittijiet li huma mogħtija lilhom mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt tal-Unjoni,

inklużi d-dispożizzjonijiet tal-Karta, ma għandux l-effett li jġiegħel lill-Istati Membri jistabbilixxu rimedji ġuridiċi differenti minn dawk stabbiliti mid-dritt intern, sakemm, madankollu, mill-istruttura tal-ordinament ġuridiku nazzjonali inkwistjoni ma jsegwix li ma jeżisti ebda rimedju ġudizzjarju li jippermetti, anki jekk b'mod inċidentali, li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-partijiet f'kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Randstad Italia, C-497/20, EU:C:2021:1037, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Minn dan isegwi li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li Stat Membru jillimita l-istħarriġ ġudizzjarju tal-miżuri vinkolanti ta' ġbir ta' provi ta' reat kriminali għal-legalità formali tagħhom jekk, sussegwentement, fil-kuntest tal-proċess kriminali, il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu tkun f'pożizzjoni li tivverifika li d-drittijiet tal-persuna akkużata, imsemmija mid-Direttivi 2012/13 u 2013/48, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48(2) tal-Karta, ikunu ġew irrispettati.

56 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tindika li minn ġurisprudenza nazzjonali stabbilita jirriżulta li l-informazzjoni miġbura minn persuni li ġew interrogati bħala xhieda tal-aġir rispettiv tagħhom ma tistax tinżamm bħala prova, peress li dawn il-persuni huma fil-verità persuni ssuspettati.

57 Bħalma indika, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-ġurisprudenza donnha tippermetti, għall-inqas f'ċerti każijiet, li tiġi eskluża informazzjoni u provi miksuba bi ksur tar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/13, dwar il-komunikazzjoni lill-persuna ssuspettata tad-drittijiet tagħha, u tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48, dwar l-aċċess għal avukat.

58 Madankollu ma huwiex possibbli, abbażi biss tal-proċess li għandha fid-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja, li jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti humiex konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punt 55 ta' din is-sentenza. Għal dan l-għan, il-qorti tar-rinviju għandha tiżgura li, meta, fil-kuntest ta' proċess kriminali, il-persuna akkużata tikkonstata irregolaritajiet fil-proċedura, marbuta ma' istanzi ta' ksur tad-drittijiet li jirriżultaw minn waħda minn dawn iż-żewġ direttivi, il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu dejjem tkun f'pożizzjoni li tikkonstata dawn l-irregolaritajiet u tkun obbligata tislet il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn dan il-ksur, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-inammissibbiltà jew il-valur probatorju tal-provi miksuba f'dawn iċ-ċirkustanzi.

59 Fil-każ li l-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu ma jkollhiex il-possibbiltà li tagħmel din il-konstatazzjoni u li tislet il-konsegwenzi minn dan il-ksur, għandha titfakkar il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja skont liema, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tad-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' supremazija jimponi, b'mod partikolari, fuq il-qrati nazzjonali l-obbligu li jinterpretaw, sa fejn huwa possibbli, id-dritt intern tagħhom b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-8 ta' Marzu 2022, Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld (Effett dirett), C-205/20, EU:C:2022:168, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Jekk ma tkunx tista' tipproċedi b'interpretazzjoni konformi, u fid-dawl tal-fatt li, bħalma jsegwi mill-punti 49 sa 51 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48 għandhom effett dirett, il-prinċipju ta' supremazija jimponi fuq il-qorti nazzjonali inkarigata li tapplika, fil-kuntest tal-kompetenza tagħha, dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-imsemmija dispożizzjonijiet fit-tilwima li tkun adita biha, billi tħalli jekk ikun hemm bżonn mhux applikati, *ex officio*, kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali, anki sussegwenti, li tkun kuntrarja għall-istess dispożizzjonijiet, mingħajr ma jkollha għalfejn titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel ta' din

il-leġiżlazzjoni nazzjonali permezz tal-proċess leġiżlattiv jew ta' kwalunkwe proċess kostituzzjonali ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2022, Generalstaatsanwaltschaft München (Estradizzjoni u *ne bis in idem*), C-435/22 PPU, EU:C:2022:852, punt 108 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux ġurisprudenza nazzjonali skont liema l-qorti adita, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, b'talba għall-awtorizzazzjoni *a posteriori* ta' tfittxija fiżika u tal-qbid ta' sustanzi illeċiti li jsegwi minnha, eżegwiti fil-kuntest tal-fażi preliminari ta' proċedura kriminali, ma għandhiex kompetenza sabiex teżamina jekk id-drittijiet tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata, iggarantiti minn dawn id-direttivi, ġewx irrispettati f'din l-okkażjoni, sakemm, minn naħa, din il-persuna tkun tista' tikkonstata sussegwentement, quddiem il-qorti adita fuq il-mertu tal-kawża, ksur eventwali tad-drittijiet li joħorġu mill-imsemmija direttivi u, min-naħa l-oħra, dik il-qorti tkun għalhekk obbligata li tislet il-konsegwenzi ta' tali ksur, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-inammissibbiltà jew il-valur probatorju tal-provi miksuba f'dawn iċ-ċirkustanzi.

### *Fuq it-tielet domanda*

62 It-tielet domanda preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-prinċipji ta' legalità u ta' projbizzjoni tal-eżerċizzju arbitrarju tas-setgħa kif ukoll tal-Artikolu 3(3)(b) tad-Direttiva 2013/48 fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li huma biss il-persuni mqiegħda formalment taħt l-istatus ta' "persuna akkużata" li jiksbu l-benefiċċju tad-drittijiet li joħorġu minn din id-direttiva, meta l-mument ta' dan it-tqegħid jitħalla għall-evalwazzjoni tal-awtorità investigattiva.

63 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża li tkun adita biha. Minn din il-perspettiva, minn naħa, jekk ikun il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-24 ta' Marzu 2023, Direktor na Teritorialno podelenie na Natsionalnia osiguritelen institut-Veliko Tarnovo, C-30/22, EU:C:2023:259, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

64 Min-naħa l-oħra, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet, mill-elementi kollha pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jkunu jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, TL (Assenza ta' interpretu u ta' traduzzjoni), C-242/22 PPU, EU:C:2022:611, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

65 Issa, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jsegwi li t-tilwima fil-kawża prinċipali tikkonċerna talba għall-approvazzjoni *a posteriori*, minn qorti, ta' tfittxija fiżika u tal-qbid ta' beni illeċiti li segwa minnha, eżegwiti fil-kuntest tal-fażi preliminari ta' proċedura kriminali u li, sabiex tingħata risposta utli għat-tielet domanda, għandhom, fir-realtà, jiġu eżaminati, f'tali sitwazzjoni, il-portata u n-natura tad-dritt ta' aċċess għal avukat, previst fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48.

66 Għaldaqstant, għandu jitqies li, permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li persuna ssuspettata jew persuna akkużata tista' tkun is-suġġett, fil-kuntest tal-fażi preliminari ta' proċedura kriminali, ta' tfittxija fiżika u tal-qbid ta' beni illeċiti, mingħajr din il-persuna ma tibbenefika mid-dritt ta' aċċess għal avukat.

67 Konformement mal-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 2013/48 tiddefinixxi regoli minimi dwar, b'mod partikolari, id-dritt li jgawdu l-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali li jkollhom aċċess għal avukat u li jinfurmaw lil terz biċ-ċaħda tal-libertà.

68 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jobbliga lill-Istati Membri li jiżguraw li l-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għal avukat f'terminu u skont il-modalitajiet li jippermettulhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom b'mod konkret u effettiv.

69 Din ir-regola prinċipali hija speċifikata fil-paragrafu 2 tal-istess Artikolu 3, li jipprevedi li dan l-aċċess għandu jkun jista' jinkiseb "mingħajr dewmien żejjed" u, fi kwalunkwe każ, mill-mument l-iktar qrib ta' erba' avvenimenti speċifiċi elenkati fil-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu 2.

70 Barra minn hekk, l-Artikolu 3(3)(c) tad-Direttiva 2013/48 jipprovdi li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati għandhom, minn tal-inqas, id-dritt li l-avukat tagħhom ikun preżenti matul il-miżuri investigattivi jew il-miżuri ta' ġbir ta' provi msemmija f'din id-dispożizzjoni, meta dawn il-miżuri huma previsti mid-dritt nazzjonali u jekk il-persuna ssuspettata jew il-persuna akkużata hija meħtieġa jew awtorizzata li tassisti għalihom.

71 Issa, għandu jiġi rrilevat li t-tfittxija fiżika u l-qbid ta' sustanzi illeċiti ma jissemmewx fost l-avvenimenti msemmija fl-Artikolu 3(2)(a) sa (d) u (3)(c) ta' din id-direttiva.

72 B'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda, l-ewwel, id-dritt tal-persuni ssuspettati jew tal-persuni akkużati, previst fl-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2013/48, ta' aċċess għal avukat qabel ma jkunu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' repressjoni jew ġudizzjarja, għandu jiġi enfasizzat li mill-premessa 20 tad-Direttiva 2013/48 isegwi li, skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, il-mistoqsijiet preliminari magħmula mill-pulizija bl-għan, b'mod partikolari, li jiġi stabbilit jekk hemmx lok li tinfetaħ investigazzjoni, pereżempju matul kontroll fit-triq, ma jikkostitwixxux "interrogazzjoni" fis-sens ta' din id-direttiva u, għaldaqstant, ma humiex koperti taħt l-Artikolu 3(2)(a) tagħha bħala li jagħtu, fi kwalunkwe każ, lill-persuni ssuspettati u lill-persuni akkużati, id-dritt ta' aċċess għal avukat.

73 F'dak li jirrigwarda, it-tieni, id-dritt tal-persuni ssuspettati jew tal-persuni akkużati, previst fl-Artikolu 3(2)(c) tad-Direttiva 2013/48, li jkollhom aċċess għal avukat "mingħajr dewmien żejjed" mill-mument taċ-ċaħda tal-libertà, għandu jiġi enfasizzat li dan id-dritt ma jimplikax neċessarjament li l-aċċess għal avukat jikkonkretizza ruħu b'mod immedjat, jiġifieri mill-mument innifsu ta' din iċ-ċaħda tal-libertà.

74 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-KEDB, li għaliha tagħmel riferiment il-premessa 12 tad-Direttiva 2013/48, isegwi li, fir-rigward tad-dritt għall-assistenza ta' avukat, fis-sens tal-paragrafu 3(c) ta' dan l-Artikolu 6, tfittxija mwettqa matul kontroll tat-traffiku, u li tat lok għal dikjarazzjonijiet awtoinkriminatorji, ma tiżvela ebda restrizzjoni sinjifikattiva tal-libertà ta' azzjoni tal-persuna kkonċernata, li tkun

tista' tkun biżżejjed sabiex tagħmel assistenza ġuridika obbligatorja minn dan l-istadju tal-proċedura (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 18 ta' Frar 2010, Zaichenko vs Ir-Russja, CE:ECHR:2010:0218JUD 003966002, punti 47 u 48).

75 B'mod ġenerali, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-assenza ta' aċċess għal avukat matul tfittxija fiżika u qbid ta' beni illeċiti ċaħħditx lill-persuna ssuspettata jew lill-persuna akkużata mid-dritt iggarantit fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' dan l-artikolu, li jeżiġi li jiġi eżaminat jekk dan l-aċċess ingħatax f'terminu skont modalitajiet li jippermettu lill-persuna ssuspettata jew lill-persuna akkużata li teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha b'mod konkret u effettiv.

76 F'dan il-każ, hija l-qorti kompetenti, konformement mad-dritt nazzjonali, li għandha tagħmel il-verifiki neċessarji billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha f'dan ir-rigward. B'mod iżjed speċifiku, hija għandha tivverifika jekk il-preżenza ta' avukat fil-mument tat-tfittxija fiżika mwettqa fuq AB u tal-qbid ta' sustanzi illeċiti li segwa minnha kinitx oġġettivament neċessarja sabiex jiġu żgurati effettivament id-drittijiet tad-difiża ta' din il-persuna.

77 F'dan ir-rigward, għandu jiġi speċifikat li, bla ħsara għal verifika mill-qorti nazzjonali kompetenti, il-miżuri li AB kien suġġett għalihom ma jidhrux, *a priori*, meħuda f'kuntest tali li, fil-mument meta seħħew, il-persuna kkonċernata kellha tibbenefika mid-dritt ta' aċċess għal avukat, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48.

78 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li persuna ssuspettata jew persuna akkużata tista' tkun is-suġġett, fil-kuntest tal-fażi preliminari ta' proċedura kriminali, ta' tfittxija fiżika u tal-qbid ta' beni illeċiti, mingħajr din il-persuna ma tibbenefika mid-dritt ta' aċċess għal avukat, bil-kundizzjoni li mill-eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha jirriżulta li tali aċċess ma huwiex neċessarju sabiex l-imsemmija persuna tkun tista' teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha b'mod konkret u effettiv.

### *Fuq il-ħames domanda*

79 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-prinċipji tal-Istat tad-dritt għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali skont liema l-qorti nazzjonali "ma hijiex awtorizzata tistħarreġ it-tqegħid ta' persuna taħt l-istatus ta' persuna akkużata, meta huwa preċiżament u esklużivament minn dan l-att formali li [...] jiddependi l-għoti jew le tad-drittijiet tad-difiża lil persuna fiżika meta din tkun is-suġġett ta' miżuri ta' koerċizzjoni għall-finijiet tal-investigazzjoni".

80 Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li bis-saħħa tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qrati nazzjonali l-punti ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom sabiex jaqtgħu l-kawżi li jkunu tressqu quddiemhom (digriet tas-27 ta' Marzu 2023, Belgische Staat, C-34/22, EU:C:2023:263, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Peress li d-deċiżjoni tar-rinviju sservi bħala bażi għal din il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa indispensabbli li l-qorti nazzjonali tagħti minimu ta' spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet għall-għażla tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li hija titlob l-interpretazzjoni

tagħhom, kif ukoll ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għat-tilwima li hija adita biha (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-27 ta' Marzu 2023, Belgische Staat, C-34/22, EU:C:2023:263, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

82 F'dan il-każ, il-ħames domanda tagħmel riferiment b'mod ġenerali għall-"prinċipju ta' Stat tad-dritt", mingħajr it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi, barra minn hekk, l-espożizzjoni tal-motivi li wasslu lill-qorti tar-rinviju tistaqsi, fil-qafas ta' din id-domanda, dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-"prinċipju", b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tevalwa sa liema punt risposta għall-imsemmija domanda hija neċessarja sabiex tippermetti lil dik il-qorti tagħti d-deċiżjoni tagħha fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

83 Minn dan isegwi li l-ħames domanda hija inammissibbli.

**Fuq l-ispejjeż**

84 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, kif ukoll l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà,**

   **għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

   **dawn id-direttivi japplikaw għal sitwazzjoni li fiha persuna, li fil-konfront tagħha teżisti informazzjoni li hija qiegħda fil-pussess ta' sustanzi illeċiti, tkun is-suġġett ta' tfittxija fiżika kif ukoll ta' qbid ta' dawn is-sustanzi. Il-fatt li d-dritt nazzjonali ma jirrikonoxxix il-kunċett ta' "persuna ssuspettata" u li l-imsemmija persuna ma ġietx uffiċjalment infurmata li għandha l-kwalità ta' "persuna akkużata" ma għandux effett f'dan ir-rigward.**

2) **L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/13 u l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,**

   **għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

   **ma jipprekludux ġurisprudenza nazzjonali skont liema l-qorti adita, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, b'talba għall-awtorizzazzjoni *a posteriori* ta' tfittxija fiżika u tal-qbid ta' sustanzi illeċiti li jsegwi minnha, eżegwiti fil-kuntest tal-fażi preliminari ta' proċedura kriminali, ma għandhiex kompetenza sabiex teżamina jekk id-drittijiet tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata, iggarantiti minn dawn id-direttivi,**

**ġewx irrispettati f'din l-okkażjoni, sakemm, minn naħa, din il-persuna tkun tista' tikkonstata sussegwentement, quddiem il-qorti adita fuq il-mertu tal-kawża, ksur eventwali tad-drittijiet li joħorġu mill-imsemmija direttivi u, min-naħa l-oħra, dik il-qorti tkun għalhekk obbligata li tislet il-konsegwenzi ta' tali ksur, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-inammissibbiltà jew il-valur probatorju tal-provi miksuba f'dawn iċ-ċirkustanzi.**

**3) L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li persuna ssuspettata jew persuna akkużata tista' tkun is-suġġett, fil-kuntest tal-fażi preliminari ta' proċedura kriminali, ta' tfittxija fiżika u tal-qbid ta' beni illeċiti, mingħajr din il-persuna ma tibbenefika mid-dritt ta' aċċess għal avukat, bil-kundizzjoni li mill-eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha jirriżulta li tali aċċess ma huwiex neċessarju sabiex l-imsemmija persuna tkun tista' teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha b'mod konkret u effettiv.**

Firem